

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Marzu 2022 – NY vs eu-LISA(Kawża T-661/20) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Persunal tal-eu-LISA – Proċedura dixxiplinari – Sanzjoni dixxiplinari – Ċanfira – Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi – Eċċezzjoni ta' illegalità – Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal – Assenza ta' konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal – Drittijiet tad-difiża u dritt għal smiġh – Artikoli 12, 12a, 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal – Żball ta' evalwazzjoni – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal – Dmir ta' premura – Responsabbiltà – Dannu morali”)

(2022/C 198/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: NY (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Champetier, avukati)

Konvenut: L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (rappreżentanti: M. Chiodi, aġent, assistit minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tat-3 ta' Frar 2020 tal-eu-LISA li timponi fuq ir-rikorrent is-sanzjoni ta' ċanfira u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu morali li r-rikorrent allegatament ġarrab minħabba din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) NV huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 19, 18.1.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Marzu 2022 – ON vs Il-Kummissjoni(Kawża T-730/20) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Remunerazzjoni – Allowance tal-espatrijazzjoni – Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal – Rifjut retroattiv – Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament – Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal – Rikors għal annullament u għad-danni”)

(2022/C 198/54)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ON (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u A.-C. Simon, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-12 ta' Marzu 2020 li timponi fuqu r-rimbors tas-somma ta' EUR 38 897,39 fir-rigward tal-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament dovut għall-ħlas bi żball ta' allowance ta' espatrijazzjoni mir-reklutaġġ tiegħu u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu li allegatament sofra bħala riżultat tal-korrezzjoni tardiva mill-Kummissjoni ta' dan l-iżball ta' ħlas.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) ON huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 44, 8.2.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Marzu 2022 – OT vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża T-757/20) (¹)

(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Sanzjoni dixxiplinari – Ċanfira – Artikolu 21a tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Żball ta’ evalwazzjoni”)

(2022/C 198/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: OT (rappreżentanti: C. Bernard-Glanz u S. Rodrigues, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: I. Lázaro Betancor u M. Windisch, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tad-19 ta' Diċembru 2019 li timponi ċanfira fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Parlament tad-19 ta' Diċembru 2019 li timponi ċanfira fuq OT, hija annullata.
- 2) Il-Parlament huwa kkundannat għall-ispejjeż

(¹) ĠU C 62, 22.2.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2022 – PrenzMarien vs EUIPO – Molson Coors Brewing Company (UK) (STONES)

(Kawża T-766/20) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedura ta’ revoka – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea STONES – Dikjarazzjoni ta’ revoka parzjali – Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Użu ġenwin fl-Unjoni – Artikolu 19(1) u Artikolu 10(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625”)

(2022/C 198/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: PrenzMarien GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Kloth, R. Briske u D. Ħabel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Raponi u D. Hanf, aġenti)